# Il-Ħadd 19.11.2017

1. Illum 19/11:-
   - Il-ġabra tal-quddies tmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

2. Il-Ġimgħa 24/11:-
   - Fis-6:30pm - Tiftaħ l-Assemblea Djoċesana b'quddiesa fir-Rotunda tal-Mosta, u wara tkompli l-Katekumenju, il-Mosta stess.
     It-tema: *L-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija: Għal Pjan Pastorali għall-Arċidjoċesi.*

3. Is-Sibt 25/11:-
   - Fid-9:30am - It-Tieni Laqgħa tal-Assemblea Djoċesana.
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 26/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fl-10:00am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fil-5:00pm - It-Talba tal-Għasar mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera.
     Ser norganizzaw it-trasport; min jixtieq jiġi jinkiteb fis-Sagristija.

5. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li l-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2018. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Nerġa' infakkar biex jekk hawn xi żgħażagħ li għadhom kif ggradwaw mill-Università, mill-MCAST, mill-ITS, jew minn xi entità edukattiva oħra, mitluba javviċinaw lill-Kappillan minħabba li qed tiġi maħsuba attività għalihom.
   - Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-Dħul ta' Tfal fl-Iskejjel tal-Knisja f'Settembru 2018, mingħand dawk li għandhom ħuthom diġà jattendu fi skola tal-Knisja, dawk li huma mpjegati fi skola tal-Knisja, u dawk li qegħdin fi skola primarja tal-Knisja li ma għandhiex sekondarja marbuta magħha, eċċ. Applikanti oħra, minn skejjel tal-Gvern u indipendenti, jkunu jistgħu japplikaw aktar 'il quddiem: f'Jannar u Frar. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.thechurchinmalta.org.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 250 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 10 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni taċ-Ċimiterju;
   - € 50 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi.